# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Ġunju 2024**

**Numru 17**
**Rikors numru 146/2023/1 ISB**

**Il-Pulizija (Spettur Oriana Spiteri)**
**v.**
**Ali Muuse Igaale**

1. Ali Muuse Igaale appella mis-sentenza li tat il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-12 ta' Frar 2024 li wieġbet għar-referenza magħmula lilha mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Marzu, 2023 fis-sens illi ma sofra l-ebda ksur tad-dritt fundamentali protett taħt l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ('il-Konvenzjoni) u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ('il-Kostituzzjoni') minħabba nuqqas ta' proporzjonalità fil-piena, arbitrarjetà legali u nuqqas ta' diskrezzjoni tal-ġudikant bħala riżultat ta' dak li jipprovdi r-regolament

3(5)(b) tal-Liġi Sussidjarja 233.07 tal-Liġijiet ta' Malta (Cash Control Regulations).

**Preliminari**

2. Il-fatti fil-qosor:

2.1. Fit-22 ta' Awwissu 2021, waqt li l-akkużat kien fl-ajruport internazzjonali ta' Malta se jaqbad titjira lejn Istambul, inqabad iġorr flus mhux dikjarati f'ammont ekwivalenti għal €165,548. Kien bl-intervent ta' kelb tad-dwana li nstab ammont ta' flus fuq l-appellant. Meta kien mistoqsi kellux iktar flus, wieġeb fin-negattiv. Però minn investigazzjoni ulterjuri rriżulta li fil-bagalja tiegħu kien hemm dawk l-eluf ta' ewro. Bagalja li kienet diġà tinsab fil-*hold* tal-ajruplan li fuqu l-appellant kien ser jivvjaġġa;

2.2. Is-somma ta' €10,000 ġiet ritornata lilu filwaqt li l-bilanċ ġie miżmum mill-uffiċjali tad-Dwana;

2.3. Huwa ġie arrestat u fit-23 ta' Awwissu 2021 kien akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-22 ta' Awwissu 2021 fl-ajruport ta' Malta meta kien ser jivvjaġġa lejn it-Turkija, ma ddikjarax mal-Kummissarju tat-Taxxa li kien qiegħed iġorr flus kontanti li jeċċedu l-ammont ta' għaxart elef ewro (€10,000) bi

ksur tar-regolament numru 3 tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus (S.L. 233.07);

2.4. Fil-proċeduri kriminal beda biex wieġeb li mhuwiex ħati, iżda fis-seduta tat-18 ta' Awwissu 2022, wara li l-Prosekuzzjoni kienet għalqet il-provi tagħha, ammetta l-akkuża. Wara li l-Qorti spjegatlu l-piena relattiva għar-reat li kien akkużat bih, l-akkużat irreġistra l-ammissjoni tiegħu, liema ammissjoni ġiet imtennija wara li l-Qorti ssospendiet is-smigħ biex ittih ċans joħroġ mill-awla u jikkonsulta mal-avukat tiegħu;

2.5. Fl-istess udjenza, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat is-sentenza. Sabitu ħati u wara li rat l-artikolu 3 tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus (S.L. 233.07) ikkundannatu multa ta' €85,601.40 (rappreżentanti multa ta' €85,551.40 bir-rata ta' 55% fuq il-bilanċ in eċċess ta' €10,000 u €50 multa ulterjuri);

2.6. L-akkużat appella b'rikors ippreżentat fil-5 ta' Settembru 2022 u talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex:

> *"i. confirm the said appealed decision in so far as the appellant was found guilty, upon his own admission, of the sole charge brought against him,* ***and****;*
>
> *ii. in the light of grievance "A", on the basis of Article 46(3) of the Constitution of Malta as well as on the basis of Article 4(3) of Chapter 319 of the Laws of Malta, refer the constitutional matter expounded upon therein to the First Hall of the Civil Court in its Constitutional Jurisdiction so that the said Court may decide whether the Court of First Instance's decree dated 23rd. August 2021, which validated the appellant's continued detention by turning down his request for bail has violated his*

*fundamental human right as protected by Article 5(1)(c) and (4) of the European Convention on Human Rights and if in the affirmative, to accord all necessary effective remedies to remedy such violation,* ***and****;*

*iii. subsequently proceed, in the light also of grievance "A" and request number (ii) and in terms of Article 415 of Chapter 9 of the Laws of Malta, to overturn the decree issued by the Court of First Instance dated 23rd. August 2021 insofar as appellant's bail request was turned down and to consequently annul and declare as invalid said decree,* ***and****;*

*iv. in light of grievance "B", on the basis of Article 46(3) of the Constitution of Malta as well as on the basis of Article 4(3) of Chapter 319 of the Laws of Malta, refer the constitutional matter expounded therein to the First Hall of the Civil Court in its Constitutional Jurisdiction so that the said Court may decide whether the hefty fixed punishment established by Regulation 3 of Subsidiary Legislation 233.07 of the Laws of Malta as it currently stands violates the appellant's fundamental human right as protected by Article 1 to Protocol 1 of the European Convention on Human Rights and Article 37 of the Constitution of Malta and if in the affirmative, to accord all necessary effective remedies to remedy such violantion* ***and****;*

*v. Subsequently proceed, in light of grievance "B" and request number (iv), to reform the pecuniary punishment inflicted on the appellant by substituting it with a less onerous and more equitable punishment."*

2.7. B'digriet mogħti fil-21 ta' Marzu 2023, il-Qorti tal-Appell Kriminali qieset l-ewwel kweżit għal referenza bħala frivolu u vessatoriju, iżda mhux ukoll it-tieni kweżit. Għalhekk irreferiet is-segwenti mistoqsija lill-Ewwel Qorti:

*"Whether appellant has sustained a violation under Article 1 of Protocol 1 of the European Convention on Human Rights and Article 37 of the Constitution of Malta due to an alleged disproportionality of punishment, legal arbitrariness and lack of judicial discretion as a result of Regulation 3(5)(b) of Subsidiary Legislation 233.07 of the Laws of Malta (Cash Control Regulations) which provides for a fixed pecuniary penalty for breach of the said Regulation."*

3. L-Avukat tal-Istat wieġeb għar-referenza billi ċaħad li r-regolamenti in kwistjoni jwasslu għal ksur tad-drittijiet fondamentali tal-akkużat.

4. Permezz ta' sentenza mogħtija fit-12 ta' Frar 2024, l-Ewwel Qorti wieġbet hekk:

> *"... billi tgħid illi l-hemmhekk appellant, Ali Muuse Igaale, ma sofra ebda leżjoni/vjolazzjoni ta' drittijiet fondamentali tieghu kif sanċiti fl-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta minħabba allegat disproporzjonalità fil-piena, arbitrarjetà legali u nuqqas ta' diskrezzjoni tal-ġudikant bħala riżultat ta' dak li jipprovdi r-regolament 3(5)(b) tal-Liġi Sussidjarja 233.07 tal-Liġijiet ta' Malta (Cash Control Regulations).*
>
> *Il-Qorti tordna li l-ispejjeż marbuta ma' din ir-referenza kostituzzjonali għandhom jiġu sopportati minn Ali Muuse Igaale.*
>
> *Kopja formali ta' din is-sentenza għandha tiddaħħal fl-atti tal-kawża kriminali 518/2021NC fl-ismijiet Pulizija (Spettur Oriana Spiteri) vs Ali Muuse Igaale, pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali."*

5. Il-konsiderazzjonijiet prinċipali li għamlet l-Ewwel Qorti kienu s-segwenti:

> *"Id-domanda magħmula lil din il-Qorti tikkonċerna lill-akkużat fil-proċeduri llum quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali 518/2021NC, ċjoè, Ali Muuse Igaale u r-**Regolament 3(5)(b) tal-Liġi Sussidjarja 233.07 tal-Liġijiet ta' Malta** li jgħid testwalment hekk:*
>
>> *(b) Mingħajr preġudizzju għal dak provdut fis-subregolament (6), jekk is-somma msemmija fis-subregolamenti (1) u (3) li tkun dikjarata falza jew ma tkunx dikjarata, tkun ta' valur ta' aktar minn tletin elf euro (€30,000), il-Kummissarju għandu jżomm l-ammont li jeċċedi għaxart elef euro (€10,000), jew l-ammont kollu jekk il-flus mhux diviżibbli u jiddepożita fid-Depożitarju kif provdunt fis-subregolament (7) u l-persuna għandha, meta tinstab ħatja, teħel multa ekwivalenti għal ħamsa u ħamsin fil-mija (55%) tal-ammont miġjub li jeċċedi għaxart elef euro (€10,000) flimkien ma' multa oħra ta' ħamsin euro (€50).*
>
> *Igaale jallega li qiegħed isofri leżjoni tad-dritt sanċit bl-**Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni**, li l-partijiet relevanti tiegħu jgħidu s-segwenti:*
>
>> *37.(1) Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist –*
>>
>> *(a) għall-ħlas ta' kumpens xieraq;*

*(b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta' kull kumpens li għalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens; u*

*(ċ) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta' appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f'Malta:*

*Iżda f'każijiet speċjali l-Parlament jista', jekk hekk jidhirlu xieraq li jagħmel fl-interess nazzjonali, b'liġi jistabbilixxi l-kriterji li għandhom jitħarsu, magħduda l-fatturi u ċ-ċirkostanzi l-oħra li għandhom jitqiesu, biex jiġi stabbilit il-kumpens li għandu jitħallas dwar proprjetà li jittieħed pussess tagħha jew li tiġi akkwistata b'mod obbligatorju; u f'kull każ bħal dak il-kumpens għandu jiġi iffissat u għandu jitħallas skont hekk.*

*(2) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tinftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta' xi liġi safejn tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà –*

*...*[1]
*(b) bħala penali għal, jew bħala konsegwenza ta' ksur tal-liġi, sew jekk bi proċeduri ċivili jew wara dikjarazzjoni ta' ħtija ta' reat kriminali;*

*...*[2]

***L-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jgħid:***

*Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.*

*Iżda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skont l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.*

***Ikkunsidrat Ulterjorment:***

*Il-Qorti tqis u tifhem illi dak illi Igaale qed jilmenta minnu, ossia, illi r-regolament jistabbilixxi piena arbitrarja, eċċessiva u disproprorzjonata, ġej mill-fatt illi l-piena hija pre-fissa u r-regolament ma jagħtix lok sabiex il-Qorti tikkunsidra piena oħra f'ċirkostanzi bħal, per eżempju, fejn l-akkużat jikkoopera, fejn jirriżulta illi l-flus għandhom oriġini leċiti, u fatturi potenzjali oħra li jistgħu jimmilitaw favur piena anqas għall-akkużat.*

[1] Tqassir ta' din il-Qorti
[2] Ibid.

*...*[3]

*Din il-Qorti tibda' biex tgħid illi minn eżami tal-proċess kriminali li għadda minnu l-imsemmi Ali Muuse Igaale sa issa, huwa kien dejjem assistit. Kien imressaq quddiem il-Qorti f'Awwissu 2021, fejn huwa ddikjara ruħu "mhux ħati". Jirriżulta illi mbagħad nżammu seduti fl-10 ta' Settembru 2021 fejn ma deher ħadd, fit-22 ta' Settembru 2021 fejn tressqu provi tal-prosekuzzjoni, fid-29 ta' Settembru 2021, fit-28 ta' Ottubru 2021, fil-11 ta' Novembru 2021, fit-18 ta' Novembru 2021 għall-provi tal-prosekuzzjoni, f'din tal-aħħar saret id-dikjarazzjoni tal-egħluq tal-provi tal-prosekuzzjoni.*

*Illi l-kawża ġiet differita ghat-23 ta' Novembru 2021 għad-depożizzjoni tal-akkużat però dakinhar il-Qorti ma setgħetx tisma' l-kawża u l-kawża ġiet assenjata lil Maġistrat ieħor.*

*Inżammet seduta fit-13 ta' Mejju 2022 fejn kienu trattati xi talbiet tad-difiża u nżammet seduta oħra fit-18 ta' Awwissu 2022. Il-Qorti tħoss opportun illi tirriproduċi l-verbal ta' din is-seduta, f'liema seduta ngħatat sentenza.*

*Il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Awwissu 2022 igħid preċiżament hekk:*

> *When the case was called there appeared the accused assisted by Dr Arhtur Azzopardi and Dr Francesca Zarb.*
>
> *There appeared Inspector Oriana Spiteri for the Prosecution.*
>
> *The accused informed the Court that he only understands Somali language. The Court therefore appoints Abdirashid Hamud Nadif, present in the hall, as an interpreter form Engkish to Somali and vice versa for the benefit of the accused. He made a solemn declaration on the Quran.*
>
> *The Defence informed the Court that the accused wishes to register a guilty plea.*
>
> *The Court informed the accused of the punishments relative to the charges with which he was accused.*
>
> *The accused was informed that if he registered a guilty plea he could be condomned to pay €85,601.40 (€85,511.40 – multa based on the excess which was carrying at the time he was apprehended at the rate of 55% as established under subsidiary legislation 233.07 + €50 – multa).*
>
> *At this stage the accused registered a guilty plea.*
>
> *In view of the guilty plea of the accused, the Court asked the accused explicitly (1) whether he has had enough time to reconsider his plea; (2)*

[3] Ibid.

> *whether he understands all charges pressed against him; (3) whether he understands the penalty related to each one of them; and (4) informed again the accused of the penalty/penalties for each of the accusations.*
>
> *The Court, due to the guilty plea of the accused, suspended the hering and gave the accused the faculty to leave the hall and consult his counsels outside the hall.*
>
> *Case postponed.*
>
> *When the case was called again there appeared the accused assisted by Dr Arthur Azzopardi and Dr Francesca Zarb.*
>
> *There appeared Inspector Orina Spiteri for Presecution.*
>
> *There appeared Abdirashid Hamud Nadif, present in the hall, as an interpreter from English to Somali and vice-versa for the benefit of the accused. He made a solemn declaration on the Qoran.*
>
> *After giving the accused time according to law, the Court asked again explicity the accused (1) whether he has enough time to reconsider his plea; (2) whether he understands all the charges pressed against him; (3) whether he understands the penalty related to each one of them; and (4) informed again the accused of the penalty/penalties for each of the accusation.*
>
> *The accused answered the questions in the affirmative and confirmed his gilty plea.*
>
> *The Court gave judgment.*
>
> *The Case was decided.*

***Ikkunsidrat Ulterjorment:***

*Illi l-Qorti għamlet ampja referenza għall-verbal li wassal għas-sentenza appellata peress illi tpoġġi dan fil-kuntest ta' dak li tgħallimna l-Qorti Kostituzzjonali. Fil-każ* ***Danel Co. Ltd. (C 31182) vs L-Avukat tal-Istat et*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Sede Kostituzzjonali fil-31 ta' Jannar 2023 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali, jingħad hekk:*

> *Minn jallega li d-drittijiet fundamentali tiegħu ġew leżi jeħtieġ qabel xejn li jipprova li seħħet tali leżjoni tad-dritt fundamentali tiegħu. Tali dikjarazzjoni tidher li tirrapreżenta l-ovvju; pero' mhux hekk.*
>
> *Hija għalhekk fondata t-tieni eċċezzjon tal-Avukat tal-Istat illi dak li minnu qed tilmenta s-soċjeta' rikorrenti ma hux xejn għajr riżultat ta' għażla ħielsa li għamlet sabiex akkwistat proprjetà immobiljari bi prezz mill-aktar vantaġġju peress li kienet soġġetta għall-kirja protetta.*

*L-istess fil-każ odjern, din il-Qorti tqis illi Ali Muuse Igaale ma ressaq ebda prova kwalsiasi dwar l-allegat leżjoni ta' dritt fondamentali tiegħu.*

*Lanqas ma ressaq provi dwar fatti li f'ċirkostanzi oħra fejn ġudikant ikollu diskrezzjoni, tali fatti kienu jimmilitaw favuru.*

*Il-Qorti hija komda tikkonkludi li mill-atti jirriżulta illi l-piena inflitta fuqu wara l-ammissjoni tiegħu kienet għażla ħielsa illi huwa għamel, peress illi qabel ma kkonferma l-ħtija tiegħu, il-Qorti kienet spjegatlu ċar hafna x'kienet il-multa illi kien ser jeħel jekk jikkonferma tali ħtija. Madanakollu, huwa għażel li jikkonferma l-ħtija, per konsegwenza jeħel il-multa inflitta, li kien jaf ben tajjeb x'kienet ser tkun u dan kollha mingħajr ma għamel ebda riżerva kwalsiasi. Ukoll, jirriżulta illi huwa kellu l-Avukati miegħu u wkoll, kien hemm l-interpretu maħtur sabiex ikun assigurat illi lanqas xkiel tal-lingwa ma jkun hemm.*

*Il-Qorti ma għandiex wisq xi żżid ħlief illi tosserva illi ma hemmx dubju illi l-imputat kien jaf ben tajjeb għal-liema piena kienet ser twassal l-ammissjoni tiegħu. Tosserva wkoll illi ma saru ebda osservazzjonijiet mid-difiża fir-rigward tal-piena u wisq anqas saru riżervi mill-istess difiża fir-rigward tal-istess piena. Huwa għalhekk illi l-Qorti tikkonkludi illi l-piena illi weħel Ali Muuse Igaale jista' jingħad illi kienet anke għażla tiegħu – fis-sens illi huwa għażel liberament li jammetti l-akkużi u konsegwentement jeħel dik il-multa.*

*Anzi l-Qorti tosserva illi fis-sentenza appellata kif mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-18 ta' Awwissu 2022 jingħad hekk:*

> *That in pronouncing its judgement the Court is hereby taking into consideration the nature and gravity of the accusation with which he is charged, the clean conviction sheet of the accused.*

*Din il-Qorti trid tosserva wkoll illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat id-deċiżjoni tagħha u l-piena skont il-liġi fid-dawl tal-akkużi li kien qed jaffaċċja l-akkużat u l-ammissjoni minnu mressqa. Huwa paċifiku jingħad illi huwa nstab hati, fuq ammissjoni, tal-akkuża waħdanija li kien akkużat biha – dik tal-ksur tar-regolamenti.*

*Din il-Qorti tosserva wkoll però illi din l-ammissjoni saret sena wara l-bidu tal-proċeduri u nżammu fil-frattemp numru ta' seduti u l-prosekuzzjoni kienet għalqet il-provi tagħha. Tosserva wkoll illi anke fil-kors tal-investigazzjoni, kien biss meta saret tfittxija illi nstabu ammont sostanzjali ta' cash fil-bagalja, għaliex meta kien qabel mistoqsi, huwa kien wieġeb illi m'għandux aktar cash minn dak li kien diġà nstab fuqu.*

*Dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti qed tagħmilhom fid-dawl tas-sottomissjonijiet magħmula minn Ali Muuse Igaale meta ssottometta illi l-Qorti hija prekluża milli tikkunsidra l-oriġini tal-flus maqbuda, l-intenzjoni malizzjuża o meno u l-ħsara li tkun saret lill-Istat. Il-Qorti trid iżżid tosserva illi dak li r-regolament jimponi piena għaliha huwa biss ir-reat, il-fatt, illi persuna toħroġ jew idaħħal somom ta' flus aktar mil-limitu stabbilit bl-istess regolament, mingħajr ma jkunu saru d-dikjarazzjonijiet relattivi. Għalhekk, din il-Qorti tqis illi sors tal-fondi, intenzjoni jew ħaġa*

*oħra huwa rrelevanti għall-finijiet tar-reat maħsub bir-regolamenti u dak li tiegħu l-akkużat instab ħati. Għalhekk illi din il-Qorti ma tabbraċċjax is-sottomissjoni ta' Ali Muuse Igaale illi l-fatt illi ma nġiebet ebda prova ta' sors illeċitu tal-flus kellha timmilita biex ikun hemm l-opportunità illi huwa jeħel piena anqas, liema opportunità r-regolament jċaħħadha.*

*Fil-kuntest tar-reat de quo, il-Qorti tqis illi jew jirriżulta jew ma jirriżultax illi persuna ttenta jivvjaġġa b'fondi fil-pussess tiegħu aktar mil-limitu. U jekk persuna jittenta jaghmel dan mingħajr ma jagħmel id-dikjarazzjoni neċessarja mal-awtoritajiet, allura jeħel il-piena stabbilita.*

*Il-Qorti tqis ukoll illi aktar ma l-ammont ttentat li joħroġ minn Malta jew jidħol Malta mingħajr dikjarazzjonijiet neċessarji jkun kbir, akbar ser jidher l-ammont ta' piena – imma l-Qorti tabbraċċja l-argument mressaq mill-Avukat tal-Istat illi l-ammont jibqa' wieħed perċentwali, u allura konformi għal kulħadd l-istess. Il-kobor o meno tal-ammont ta' multa huwa biss relattiv għall-ammont ta' flus illi jkunu qed jiġu ttentati joħorġu jew jidħlu waqt illi jkun qed jiġi kommess ir-reat. Akbar ma jkun l-ammont mertu tar-reat, aktar tkun il-multa.*

*Huwa għalhekk illi għal finijiet tar-risposta ta' din il-Qorti għad-domanda mressqa mill-Qorti tal-Appell, jingħad illi l-appellant fil-proċeduri kriminali, Ali Muuse Igaale ma sofra minn ebda leżjoni/vjolazzjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem u lanqas tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta."*

6. Permezz tal-appell ippreżentat fit-22 ta' Frar 2024, l-akkużat jilmenta illi l-Ewwel Qorti għamlet għarbiel estranju mid-domanda kostituzzjonali lilha riferuta u ma daħlitx fil-kwistjoni dwar jekk ir-regola mpunjata, li tinfliġġi multa pre-determinata u fissa li ma tħalli ebda marġini ta' diskrezzjoni lill-ġudikant, hijiex proporzjona *o meno*. Talab għalhekk lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi:

*"i. Tħassarha u tirrevokaha in kwantu wieġbet għar-referenza lilha mibgħuta billi ma rriskontratx vjolazzjoni tad-dritt fondamentali salvagwardjat fl-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta,* ***u;***

*ii. Tiddikjara minflok li r-rikorrent sofra jew sejjer isofri vjolazzjoni tad-dritt tiegħu salvagwardjat fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 37 tal-*

*Kostituzzjoni ta' Malta u dana fit-termini ċirkoskritti tar-referenza kostituzzjonali rimessa,* ***u;***

*iii. Tagħtii dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent.*

*iv. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-Avukat tal-Istat."*

7. L-appellati wieġbu li s-sentenza appellata hija waħda ġusta u timmerita konferma fl-intier tagħha u li l-appell tal-Avukat Ġenerali għandu jiġi miċħud inkwantu infondat fil-fatt u fid-dritt.

**Konsiderazzjonijiet**

8. Ir-regolament 3 tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus jipprovdi li kull persuna dieħla, ħierġa jew li tkun għaddejja fi tranżitu minn Malta u li tkun qiegħda ġġorr somma ta' valur ta' għaxart elef ewro (€10,000) jew iżjed fi flus għandha l-obbligu li tiddikjara dik is-somma lill-Kummissarju.

9. Qabel l-introduzzjoni tal-Avviż Legali 285 tal-2020, persuna misjuba ħatja li ma tkunx ottemporat ruħha ma' dak ir-regolament, apparti li kienet soġġetta għal multa ekwivalenti għal 25% tal-flejjes kollha li kienet qiegħda iġġorr, kienet ukoll soġġetta għall-konfiska tal-flejjes in eċċess ta' €10,000[4]. Dan irrispettivament mill-fatt jekk is-sors ta' dawk il-flejjes kinitx waħda leġittima jew le.

[4] Avviż Legali 85 tal-2009

10. Fil-kawżi fl-ismijiet **Jason James Agius v. Avukat Ġenerali**[5], **Il-Pulizija v. Ahmed Alhadi Khalleefah Suwah**[6] u **The Police v. Omar Azumi**[7], din il-Qorti għarfet li l-għan wara r-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus huwa li jiġu evitati reati bħal *money laundering,* reati oħra serji ta' natura finanzjarja, traffikar ta' drogi, finanzjar ta' terroriżmu, u evażjoni fiskali. Għalhekk, sa fejn ir-regolamenti kienu jimponu multa ekwivalenti għal 25% tal-flus kollha li l-persuna kienet qiegħda ġġorr, ma sabitx ksur tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Sabet iżda nuqqas ta' proporzjon bejn l-interess ġenerali u l-protezzjoni tad-dritt ta' individwu għall-proprjetà fejn dawk ir-regolamenti kienu jipprovdu għall-konfiska tal-flejjes in eċċess ta' €10,000. Dan għaliex ir-regolamenti kienu jipprovdu għall-konfiska b'mod tassattiv mingħajr ma ħallew lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ebda diskrezzjoni biex tevalwa jekk tali miżura kinitx meħtieġa fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.

11. Safrattant, bis-saħħa tal-Avviż Legali 285 tal-2020, ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus ġew imħassra u daħlu minflok fis-seħħ ir-Regolamenti tal-2020 dwar il-Kontroll ta' Flus. Dawn jipprovdu li persuna misjuba ħatja li tkun naqset li tiddikjara li tkun daħlet/ħarġet/għaddiet in

[5] Deċiża fis-6 ta' Ottubru, 2020
[6] 23 ta' Novembru, 2020
[7] Deċiża fit-30 ta' Ġunju 2021

tranżitu minn Malta b'somma flus aktar minn €10,000, tkun ħatja ta' reat u, jekk is-somma in kwistjoni tkun teċċedi €30,000, kif inhu dan il-każ:

> *" ... il-Kummissarju għandu jżomm l-ammont li jeċċedi għaxart elef euro (€10,000), jew l-ammont kollu jekk il-flus mhux diviżibbli u jiddepożita fid-Depożitarju kif provdut fis-subregolament (7) u l-persuna għandha, meta tinstab ħatja, teħel multa ekwivalenti għal ħamsa u ħamsin fil-mija (55%) tal-ammont miġjub li jeċċedi għaxart elef euro (€10,000) flimkien ma' multa oħra ta' ħamsin euro (€50)."* (**Regolament 3(5)(b)**)

12. Paragrafu 10[8] jipprovdi li l-flejjes depożitati fid-Depożitarju, amministrat mill-Kummissarju tat-Taxxi, jistgħu jinżammu hemm għal 30 jum (estendibbli għal massimu ta' 90 jum) u f'dak il-perjodu trid tittieħed deċiżjoni dwar jekk iċ-ċirkostanzi tal-każ jimmeritawx iż-żamma. Jekk tiġi identifikata attività kriminali marbuta ma' dawk il-flejjes, jittieħdu proċeduri kriminali ulterjuri. Matul il-proċeduri kriminali għan-nuqqas ta' dikjarazzjoni tal-flus taħt ir-regolamenti jew taħt xi liġi oħra, sakemm ma jkunux ġew esebiti l-Qorti, il-flus jinżammu fid-Depożitarju. Fi tmiem dawk il-proċeduri, il-flus jistgħu jiġu rilaxxati lill-persuna li mingħandha kienu nżammu wara li titħallas kwalsiasi multa/penali li tista' tkun dovuta għall-fatt li ma tkunx saret id-debita dikjarazzjoni.

13. Fil-każ fl-ismijiet **<u>Mamidakis v. Greece</u>** (Application no. 35533/04), deċiż fil-11 ta' Jannar 2007, il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem esprimiet ruħha hekk:

> *"44. En l'occurrence, la Cour observe que l'amende litigieuse est une ingérence dans le droit garanti par le premier alinéa de l'article 1 du Protocole no 1, car elle prive le requérant d'un élément de propriété, à*

[8] Mhux (7)

*savoir de la somme qu'il doit payer ; cette ingérence se justifie conformément au second alinéa de cet article, qui prévoit expressément une exception pour ce qui est du paiement d'impôts, d'autres contributions ou d'amendes. Toutefois, cette disposition doit être interprétée à la lumière du principe général énoncé dans la première phrase du premier alinéa, et il doit donc exister un rapport de proportionnalité raisonnable entre les moyens employés et le but recherché (Phillips c. Royaume-Uni, no 41087/98, § 51, CEDH 2001-VII).*

*45. Par conséquent, l'obligation financière née du paiement d'une amende peut léser la garantie consacrée par cette disposition, si elle impose à la personne en cause une charge excessive ou porte fondamentalement atteinte à sa situation financière (voir Orion-Břeclav S.R.O. c. République tchèque (déc.), no 43783/98, 13 janvier 2004).*

*46. Dans le cas d'espèce, la Cour n'aperçoit aucune raison de douter que l'ingérence litigieuse était conforme à la législation nationale et que celle-ci reflétait les exigences d'intérêt général, à savoir la répression de la contrebande.*

*47. Quant à l'exigence de proportionnalité entre l'ingérence dans le droit du requérant et le but d'intérêt général poursuivi, la Cour ne peut que constater l'importance de l'amende infligée. En effet, elle rappelle que le requérant se vit imposer, à titre personnel, une amende d'un montant total de 3 008 216 euros et fut par ailleurs déclaré conjointement responsable pour le paiement des amendes imposées à d'autres personnes pour violations douanières, d'un montant total de 4 946 145 euros. A n'en pas douter, il s'agit de sommes extrêmement élevées, allant jusqu'au décuple des taxes frappant l'objet de l'infraction ; cette situation amena par ailleurs les juges dissidents du Conseil d'Etat à considérer que l'amende litigieuse constituait une charge exorbitante même pour de très grandes entreprises et qu'il en résultait ainsi une confiscation de facto de la propriété du requérant, en violation de l'article 1 du Protocole no 1 (voir ci-dessus, paragraphe 15 in fine).*

*48. Dans ces circonstances, même en tenant compte de la marge d'appréciation dont disposent les Etats contractants en cette matière (voir, Baláž c. Slovaquie (déc.), no 60243/00, 16 septembre 2003 ; Valico S.r.l. c. Italie (déc.), no 70074/01, 21 mars 2006), la Cour estime que l'imposition de l'amende en question a porté une telle atteinte à la situation financière du requérant qu'il s'agissait d'une mesure disproportionnée par rapport au but légitime qu'elle poursuivait.*

*Partant, il y a eu violation de l'article 1 du Protocole no 1.”*

14. F’dan il-każ ukoll, il-multa kkontestata hija ndħil fid-dritt garantit mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 1, peress li ċċaħħad

lill-akkużat minn element ta' proprjetà, jiġifieri l-ammont li għandu jħallas. Indħil li madanakollu huwa ġustifikat *a tenur* tat-tieni paragrafu tal-istess artikolu, li jipprovdi eċċezzjoni fir-rigward tal-ħlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet oħra jew pieni. Dan sakemm tali multa żżomm bilanċ / proporzjon bejn il-mezzi użati u l-għan imfittex.

15. L-għan wara l-miżura in kwistjoni huwa l-implementazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1672 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-23 ta' Ottubru 2018 dwar kontrolli fir-rigward ta' flus kontanti deħlin fl-Unjoni jew ħerġin mill-Unjoni.[9] Regolament li jipprevedi sistema ta' kontrolli għall-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu stabbilit fid-Direttiva (UE) 2015/849.

16. Kwantu għall-mezzi biex jintlaħaq dak l-għan, ir-Regolament (UE) 2018/1672 jipprovdi hekk:

*"Artikolu 14*
*Penali*

> *Kull Stat Membru għandu jintroduċi penali li għandhom japplikaw fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligu tad-dikjarazzjoni ta' flus kontanti akkumpanjati stabbilit fl-Artikolu 3 jew l-obbligu tad-divulgazzjoni ta' flus kontanti mhux akkumpanjati stabbilit fl-Artikolu 4. Tali penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi."*

17. Għalhekk, il-liġi nazzjonali trid tipprovdi għall-penali għan-nuqqas ta' tħaris mal-obbligu tad-dikjarazzjoni ta' flus kontanti, li tkun effettiva,

[9] Dan ir-regolament ħa post ir-regolament 1889/2005.

proporzjonata u dissważiva. Il-multa in kwistjoni, ekwivalenti għal 55% fuq il-bilanċ in eċċess ta' €10,000, flimkien ma' multa ulterjuri ta' €50 hija waħda introdotta mill-Istat Malti bis-saħħa tar-regolament 3(5)(b) tal-L.S. 233.07 tas-7 ta' Lulju 2020 (Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus).

18. Fil-każ fl-ismijiet **Imeri v. Croatia** (Application no. 77668/14), dwar is-sanzjonijiet imposti mill-Istat Kroat għall-ksur ta' obbligazzjoni ta' dikjarazzjoni ta' flus kontanti, fis-sentenza tagħha tal-24 ta' Ġunju 2021 il-QEDB qalet hekk:

> *"C. Relevant case-law of the Court of Justice of the European Union **
>
> *43. Upon requests for preliminary ruling by national courts, the Court of Justice of the European Union (CJEU) dealt with several cases which concerned interpretation and application of the 2005 Cash Control Regulation (see paragraph 41 above).*
>
> *44. In Chmielewski (C-255/14, 16 July 2015, EU:C:2015:475) the CJEU held that in the light of the nature of the infringement concerned, namely a breach of the obligation to declare laid down in Article 3 of the 2005 Cash Control Regulation, a fine equivalent to 60% of the amount of undeclared cash, where that amount is more than EUR 50,000, did not seem to be proportionate (§ 30). In that regard, it noted that the penalty provided for in Article 9 of Regulation No. 1889/2005 did not seek to penalise possible fraudulent or unlawful activities, but solely a breach of the obligation to declare laid down in Article 3 of the Regulation (§ 31). The CJEU also noted that Article 4 § 2 of the Regulation provided for the possibility to detain, by administrative decision, cash which had not been declared, in order, among other things, to allow the competent authorities to carry out the necessary checks relating to the provenance of that cash and its intended use and destination (§ 33).*
>
> *45. After the Chmielewski judgment (see paragraph 44 above) the CJEU had to rule in five other cases on the proportionality of a penalty imposed for the failure to declare cash to customs. In Lu Zheng (C-190/17, 31 May 2018, EU:C:2018:357) the CJEU found that a fine which may be imposed in up to double the amount of the undeclared amount could not be considered proportionate. In Pinzaru and Cirstinoiu (C-707/17, 12 July 2018, EU:C:2018:574) and in AK and EP (C-335/18 and C-336/18, 30 January 2019, EU:C:2019:92) it found disproportionate the*

*confiscation of the entire undeclared amount, in addition to a prison sentence of up to six or five years*
*imprisonment respectively and a fine which may be up to respectively the double or the fifth of the undeclared amount. In Mitnitsa Burgas (C-652/18, 3 October 2019, EU:C:2019:818) it found disproportionate the confiscation of the entire undeclared amount in addition to a fine of about EUR 500. In Direcţia Generală Regională a Finanţelor Publice Bucureşti (C-679/19, 19 December 2019, EU:C:2019:1109) the CJEU found disproportionate the confiscation of the undeclared amount exceeding EUR 10,000 in addition to a fine of about EUR 630.*

*...*

*71. ... The Court reiterates that, in order to be proportionate, the severity of sanction should correspond to the gravity of the offence it is designed to punish – in the instant case, the failure to comply with the declaration requirement – rather than to the gravity of any presumed infringement which has not actually been established, such as an offence of drug trafficking, money laundering or tax evasion (see Gabrić, cited above, § 39, and Boljević, cited above, § 44 and the cases cited therein; see also the case-law of the Croatian Constitutional Court cited in paragraph 36 above).*

*72. In this connection, the Court also takes note of the relevant European Union law, namely of:*

*- the case-law of the Court of Justice of the European Union, according to which the 2005 Cash Control Regulation does not seek to penalise possible fraudulent or unlawful activities, but solely a breach of the obligation to declare (see paragraphs 41, 44 and 46-47 above), and*

*- the preamble of the 2018 Cash Control Regulation, which explicitly states that penalties for non-compliance with the obligations to declare or disclose cash should not take into account the potential criminal activity associated with the cash (see paragraph 42 above).*

*...*

*84. As already stated above (see paragraph 71 above), in order to be proportionate, the severity of sanctions must be commensurate to the seriousness of the breaches for which they are imposed (see Gabrić, cited above, § 39, and Boljević, cited above, § 44 and the cases cited therein). The principle of proportionality has to be observed not only as regards the determination of the rules concerning the severity of sanctions but also the assessment of the factors which may be taken into account in the fixing of the sanction (compare with paragraph 40 of the judgment of the CJEU in the Lu Zheng case, cited in paragraph 46 above).*

*91. ... that the confiscation sanction (in addition to the fine) had been imposed on the applicant solely for his failure to declare the money to customs, which is considered a less serious offence (see, mutatis mutandis, Gabrić, cited above, § 38, and Boljević, cited above, § 43).*

*92. In addition, the harm that the applicant might have caused to the authorities was minor: he had not avoided customs duties or any other levies or caused any other pecuniary damage to the State. Had the amount gone undetected, the Croatian authorities would have only been deprived of the information that the money had passed through Croatia (see Ismayilov, cited above, § 38)"*

19. F'dak il-każ il-QEDB ikkonkludiet li kien seħħ ksur tal-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni wara li ġiet konfiskata 50% tal-flus li l-applikant naqas milli jiddikjara meta kien qiegħed jaqsam il-fruntiera bejn Slovenja u l-Kroazja.

20. Rilevanti wkoll il-każ ta' **Yaremiychuk and Others v. Ukraine** (Applications nos. 2720/13 and 6 others) deċiż mill-QEDB fid-9 ta' Diċembru 2021:

*"28. The Court further notes that States have a legitimate interest and also a duty by virtue of various international treaties to implement measures to detect and monitor the movement of cash across their borders, since large amounts of cash may be used for money laundering, drug trafficking, financing terrorism or organised crime, tax evasion or the commission of other serious financial offences. The general declaration requirement applicable to any individual crossing the State border prevents cash from entering or leaving the country undetected and the confiscation measure which the failure to declare cash to the customs authorities results in is part of the general regulatory scheme designed to combat those offences. In this regard, the Court considers that the confiscation measure conformed to the general interest of the community (see, for example, Sadocha, cited above, § 26).*

*29. The remaining question to determine is whether the interference struck the requisite fair balance between the protection of the right of property and the requirements of the general interest, taking into account the margin of appreciation left to the respondent State in that area. The requisite balance will not be achieved if the property owner concerned*

*has had to bear "an individual and excessive burden". Moreover, although the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1 contains no explicit procedural requirements, the Court must consider whether the proceedings as a whole afforded the applicants a reasonable opportunity to put their cases to the competent authorities with a view to enabling them to establish a fair balance between the conflicting interests at stake (see, among other authorities, Boljević v. Croatia, no. 43492/11, § 41, 31 January 2017).*

*30. The Court notes that Article 471 of the Customs Code did not leave any discretion to the courts as regards the sanction to be imposed, as confiscation of the excess amount was mandatory with no exceptions allowed. It also notes that in 2021, a number of years after the events in the present case, the Constitutional Court of Ukraine declared part of that provision unconstitutional, considering, in particular, that such a mandatory confiscation was not capable of ensuring the requisite balance between the public interest and an individual's right to the peaceful enjoyment of his or her possessions (see paragraph 6 above).*

*31. Like the Constitutional Court, the Court is of the view that such a rigid legislative approach is in itself incapable of ensuring the requisite fair balance between the requirements of the general interest and the protection of an individual's right to property (see, mutatis mutandis, Gyrlyan, cited above, § 31). In fact, it leaves no room for an assessment of the proportionality of the interference by the domestic courts by making any such assessment futile. Similarly, the automatic confiscation deprived the applicants of any possibility to argue their cases and have any prospect of success in the proceedings against them (see, mutatis mutandis, Andonoski v. the former Yugoslav Republic of Macedonia, no. 16225/08, § 38, 17 September 2015).*

*32. The lack of any discretion left to the domestic courts as regards the sanction to be imposed distinguishes the present case from that of Sadocha (cited above) referred to by the applicants (see paragraph 18 above), in which, pursuant to the legislation then in force, the Ukrainian courts did have a choice in the matter but were found by the Court to have failed to duly perform the proportionality assessment when choosing the applicable sanction However, the Court's task is not to review domestic law in abstracto, but to determine whether the manner in which it was applied to, or affected, the applicant gave rise to a violation of the Convention (see, for example, Karapetyan v. Georgia, no. 61233/12, § 36, 15 October 2020 and Imeri v. Croatia, no. 77668/14, § 76, 24 June 2021).*

*33. The Court notes in this respect that the act of taking foreign currency into and out of Ukraine was not illegal under Ukrainian law. Not only was it permissible to move the foreign currency across the customs border, but the sum was not, in principle, restricted at the time of the events, if declared (see paragraph 8 above). Furthermore, the case files suggest that it was not established by the domestic authorities in the present*

*cases that the confiscated cash had been unlawfully obtained by the applicants or that the applicants had been engaged in money laundering or any other criminal activity.*

*34. The Court accepts that the confiscation measure in question was deterrent and punitive in its purpose. However, as established above, the mandatory nature of the confiscation of all the excess cash and a fine as a sanction precluded the domestic authorities from performing due analysis as to what measures would have been appropriate in the circumstances of each individual case.*

*35. The foregoing considerations are sufficient to enable the Court to conclude that the interference with the applicants' property rights was unlawful in the case of Mr Gordeyev (see paragraph 27 above) and imposed a disproportionate burden on the remaining applicants in view of the mandatory application of confiscation of all excess cash as the sanction, in addition to a fine. 36. There has accordingly been a violation of Article 1 of Protocol No. 1."*

21. Kif rajna tneħħiet il-miżura tal-konfiska tal-flus, preċedentement imposta mil-leġislatur Malti f'każijiet ta' ksur tar-regolament li jeħtieġ li ssir dikjarazzjoni mill-persuna li tkun ħierġa minn Malta. Bil-Leġislazzjoni Sussidjarja attwali l-persuna teħel multa ta' 55% tas-somma in eċċess l-€10,000 u multa oħra ta' €50. Piena li skont l-Avukat tal-Istat hi diżważiva.

22. Piena li m'hemmx dubju hi qawwija meta tikkunsidra:

22.1. fl-aħħar mill-aħħar hija multa limitata għall-fatt li ma tkunx saret id-dikjarazzjoni meħtieġa skont ir-regolament u dan indipendentement minn fatturi oħra, eżempju jekk il-provenjenza tal-flus hijiex leċita jew jekk kienx hemm xi taxxa perikolata;

22.2. tali multa mhux intiża bħala kumpens pekunjarju għad-dannu rekat lill-Istat, iżda biss deterrenti u punittiva fl-iskop tagħha;

22.3. f'kull każ l-akkuzat jibqa' soġġett għal proċeduri kriminali u soġġett għal pieni u multi ulterjuri f'każ li jirriżulta li b'dawk il-flus twettaq jew kien se jitwettaq reat taħt xi liġi oħra; u

22.4. il-qrati kriminali m'għandhom ebda marġini ta' diskrezzjoni skont iċ-ċirkostanzi tal-każ li dwaru jkollhom jiddeċiedu.

23. Skont l-Avukat tal-Istat, ma tħalliet l-ebda diskrezzjoni f'idejn il-Qrati proprju sabiex ma jkunx hemm element ta' arbitrarjetà fl-iffissar tal-piena, b'mod illi min iwettaq ir-reat jaf eżattament x'piena se jeħel għal tali nuqqas. Iżid li l-piena mogħtija llum il-ġurnata hija unikament marbuta mar-reat in kwistjoni u għalhekk, kull konsiderazzjoni oħra bħalma hija l-provenjenza tal-flus hija mmaterjali. Fl-istess nifs isostni mbagħad[10] li din ir-referenza hija intempestiva, u l-kweżit li trid twieġeb din il-Qorti huwa fl-astratt għaliex:

i. Ma hemm ebda dikjarazzjoni mill-awtoritajiet Maltin (FIAU, ARB, Pulizija, MSS u MFSA) dwar il-provenjenza ta' dawn il-flus;

[10] Fol. 271

ii. Li min-naħa tiegħu, l-akkużat stess qatt ma ta spjegazzjoni dwar il-provenjenza tal-flus in kwistjoni.

24. Il-Qorti tqis li l-awtoritajiet kompetenti kellhom biżżejjed żmien sabiex jinvestigaw dwar il-provenjenza tal-flus oġġett tal-kawża. Ma rriżultax li ttieħdu xi passi kontra l-appellanti per eżempju relatati ma' ħasil ta' flus jew reati kriminali oħra.

25. Il-Qorti ma taqbilx mal-argument li l-qrati m'għadhomx jingħataw marġini ta' diskrezzjoni biex tiġi żgurata konformità fil-pieni. Argument li jirriduċi l-proċess ġudizzjarju għal eżerċizzju mekkaniku u jxejjen għal kollox dak li huwa r-rwol ta' qorti li *inter alia* tinkludi l-għoti ta' piena skont iċ-ċirkostanzi li jkollha quddiemha. Kull każ ikollu ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu.

26. Min-naħa l-oħra din il-Qorti tistqarr li għandha dubji dwar kemm dawk l-eluf ta' ewro li kien qiegħed iġorr l-appellant huma minn attività leċita. Dan meta tikkunsidra dak li xehed l-Ispettur tad-Dwana Kirsten Paul Borg fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2023. Il-Qorti qiegħda tirreferi għal dak li qalilhom l-appellant meta staqsewh kellux iktar flus fil-pussess tiegħu u x'irriżulta mit-tfittxija fil-bagalja li l-appellant bagħat mal-bagalji li jitpoġġew fil-*hold* tal-ajruplan (ara wkoll rapport li d-Dwana għamlet lill-Ispettur Brian Saliba tal-Anti-Money Laundering Team datat 22 ta' Awwissu 2021). *Inoltre*, ma rriżultax li l-appellant qatt ta xi spjegazzjoni

li biha pprova jiġġustifika l-provenjenza ta' dawk l-eluf ta' ewro li intenzjonalment ma ddikjarax hu u ħiereġ minn Malta. Għalkemm mill-atti jirriżulta li d-Dwana infurmaw lit-Taqsima tal-Pulizija kontra l-ħasil ta' flus, ma rriżultax li ttieħdu proċeduri kriminali kontra l-appellant f'dak ir-rigward minkejja li l-provi juru wkoll li l-appellant kien ġie arrestat.

27. Madankollu, irrispettivament mill-ħsibijiet ta' din il-qorti fir-rigward taċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, il-kwistjoni meritu ta' din il-kawża diġà ġie kkunsidrat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea bħal fil-każ C-255/14 (**Robert Michal Chmielewski vs Nemzeti Ado-es Vamhivatal Dei-alfoidi Regionalis VAm-es Penzugyori Folgasgatosaga**") tas-16 ta' Lulju 2015. Il-QĠUE rraġunat li multa ta' 60% tal-flus mhux dikjarati, sempliċement għall-fatt li l-persuna tkun naqset milli tiddikjarahom, ma kinitx piena proporzjonata. Għalkemm dak il-każ kien jitratta dwar ir-regolament 1889/05, il-provvediment kien tista' tgħid identiku għal dak tar-regolament attwali 1672/18.

28. Paragrafu 9(1) ta' regolament numru 1889/2005 kien jipprovdi:

> *'Each Member State shall introduce penalties to apply in the event of failure to comply with the obligation to declare laid down in Article 3. Such penalties shall be effective, proportionate and dissuasive'.*

29. L-istess tista' tgħid jipprovdi paragrafu 14 tar-regolament attwali 1672/18.

30. Artikolu 3 tar-regolament jitratta dwar l-obbligu li l-persuna tiddikjara flus ta' iktar minn €10,000 lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kemm meta jkunu deħlin jew ħerġin minn Malta.

31. Għalhekk ir-raġunament li għamlet il-QĠUE f'din is-sentenza u oħrajn, japplika. Il-Qorti rraġunat hekk:

> *"27. As regards the proportionality of penalties imposed by the legislation at issue in the main proceedings, it should be noted that the amount of the fines is graduated according to the amount of undeclared cash.*
>
> *28 In contrast to what is maintained by the European Commission, the requirement that the penalties introduced by the Member States under Article 9 of Regulation No 1889/2005 must be proportionate does not mean the competent authorities must take account of the specific individual circumstances of each case.*
>
> *29 As noted by the Advocate General in points 79 to 81 of his Opinion, under Article 9(1) of that regulation, Member States enjoy a margin of discretion concerning the choice of penalties which they adopt in order to ensure compliance with the obligation to declare laid down in Article 3 of that regulation, provided that a breach of that obligation can be penalised in a simple, effective and efficient way, and without the competent authorities necessarily having to take account of other circumstances, such as intention or recidivism.*
>
> *30 However, in the light of the nature of the infringement concerned, namely a breach of the obligation to declare laid down in Article 3 of Regulation No 1889/2005, a fine equivalent to 60% of the amount of undeclared cash, where that amount is more than EUR 50 000, does not seem to be proportionate. Such a fine goes beyond what is necessary in order to ensure compliance with that obligation and the fulfilment of the objectives pursued by that regulation.*
>
> *31 In that regard, it must be noted that the penalty provided for in Article 9 of Regulation No 1889/2005 does not seek to penalise possible fraudulent or unlawful activities, but solely a breach of that obligation.*
>
> *32 In that context, it should be noted that, as stated in recitals 3 and 15 in the preamble to that regulation, the latter seeks to ensure more effective control of movements of cash entering or leaving the European Union, in order to prevent the introduction of the proceeds of unlawful*

*activities in the financial system, whilst respecting the principles recognised by the Charter of Fundamental Rights of the European Union.*

*33 It should also be noted that Article 4(2) of Regulation No 1889/2005 provides for the possibility to detain, by administrative decision in accordance with the conditions laid down under national legislation, cash which has not been declared in accordance with Article 3 of that regulation, in order, inter alia, to allow the competent authorities to carry out the necessary controls and checks relating to the provenance of that cash, its intended use and destination. Therefore, a penalty which consists of a fine of a lower amount, together with a measure to detain cash that has not been declared in accordance with Article 3 thereof, is capable of attaining the objectives pursued by that regulation without going beyond what is necessary for that purpose. In this case, it is apparent from the file submitted to the Court that the legislation at issue in the main proceedings does not make provision for such a possibility.*

*34 In light of the foregoing considerations, it is not necessary to examine whether there exists a restriction within the meaning of Article 65(3) TFEU.*

*35 In those circumstances, the answer to the questions referred is that Article 9(1) of Regulation No 1889/2005 must be interpreted as precluding national legislation, such as that at issue in the main proceedings, which, in order to penalise a failure to comply with the obligation to declare laid down in Article 3 of that regulation, imposes payment of an administrative fine, the amount of which corresponds to 60% of the amount of undeclared cash, where that sum is more than EUR 50 000.”*

32. Fiċ-ċirkostanzi hemm nuqqas ta’ proporzjonalità fil-piena li tikkontempla l-liġi sempliċement għall-fatt li l-persuna akkużata ma ddikjaratx il-flus hi u ħierġa minn Malta. Multa li hi kważi daqs dik tal-każ Chmielewski (ara wkoll sentenza tal-istess Qorti fl-ismijiet **SZ v Mitnitsa Burgas** C-652/18 tat-3 ta’ Ottubru 2019).

33. Tqum id-domanda jekk l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 37 tal-Kostituzjoni, humiex applikabbli. It-tweġiba

hi fl-affermattiv, għaliex ir-regolament 10(d)(i) tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja jipprovdi hekk:

> *"Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (b) tas-subregolament (10), qabel il-flus ikunu rilaxxati mid-Depożitarju, għandu jiġi aċċertat li l-multa jew penali dovuti taħt id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti tħallsu, u fin-nuqqas, l-ammont tal-multa jew penali dovuti għandhom jitnaqqsu mill-flus depożitati qabel ma jkunu rilaxxati"*.

34. Għalhekk jekk akkużat ma jħallasx il-multa, il-ħlas ser isir mill-flus li jkunu nqabdu u depożitati qabel ma jkunu rilaxxati lill-persuna. B'hekk ser jitlef persentaġġ konsiderevoli tal-flus li jkunu nstabu fil-pussess tiegħu, u li skont il-liġi huma preżunti li huma proprjetà tiegħu. Għalhekk japplikaw l-Artt. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u 37 tal-Kostituzzjoni li jridu li jkun hemm proporzjonalità fl-indħil tat-tgawdija tal-proprjetà. F'dan ir-rigward il-multa li tikkontempla l-liġi twassal biex akkużat jitlef 55% tal-flus li jkunu nqabdu minn fuqu.

**<u>Deċiżjoni</u>**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell u tħassar is-sentenza appellata tat-12 ta' Frar 2024. Twieġeb għad-domanda li għamlet il-Qorti tal-Appell Kriminali billi tiddikjara li r-regolament 3(5)(b) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 233.07 *(Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus)* fl-impożizzjoni ta' multa ta' ħamsa u ħamsin fil-mija (55%) tal-ammont in eċċess ta' għaxart elef ewro (€10,000) sempliċement minħabba li l-persuna kkonċernata ma tkunx iddikjarat il-flus li ser tkun ser toħroġ minn Malta,

jikser il-jedd fundamentali tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Bl-ispejjeż a karigu tal-Avukat tal-Istat.

Tordna li kopja awtentika ta' din is-sentenza titpoġġa fl-atti tal-appell **Il-Pulizija vs Ali Muuse Igalle** (518/2021), u kopja oħra tintbagħat lill-i*Speaker* tal-Kamra tad-Deputati skont l-Art. 242 tal-Kap. 12.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss